MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru 703/2005

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca
Spettur Alfred Mallia)

vs

Daniel Lanzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Daniel Lanzon detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 567485M, akkuzat talli nhar id-9 ta’ Awissu, 2005, ghall-habta ta’ l-4:30a.m., u/jew fil-jiem ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, f’dawn il-gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta’ karozza Hyundai Getz, numru tar-registrazzjoni BBK683 mill-Avis Garage, Misrah il-5 ta’

Ottubru, Msida u xi affarijiet ohra, liema serq hu aggravat bil-hin, bil-valur li jaqbez l-elf lira u bil-lok ghad-dannu tas-socjeta' London Services Ltd.;

2. ikkommetta serq ta' flus kontanti minn Lourdes V.R.T. Station ta' Triq Bajada, Zabbar, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok ghad-dannu ta' l-ahwa Buhagiar;

3. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Art. 325(1)(c) tal-Kap 9) ghad-dannu ta' l-ahwa Buhagiar;

4. saq vettura BBK683 minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

5. irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u

6. kiser il-provvediment ta' l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 (issa Art. 7 tal-Kap 446) li kien gie mposta fuqu b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 12 ta' Marzu, 2003, liema sentenza saret definittiva.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2006 jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat tar-reat ta' serq ta' karozza aggravat bil-hin u valur, ukoll b'serq ta' flus aggravat bil-mezz, hin u lok u li kkaguna hsara volontarja taht il-Lm50 u talli saq vettura bla licenzja u minghajr kopertura ta' assigurazzjoni. Fl-ahharnett li hu recidiv u kiser il-

povedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152 (illum artikolu 7 tal-Kap 446).

Stante li l-ammissjoni tal-imputat hija wahda volontarja u inkondizjonata, din il-Qorti qeghdha ssibu hati tal-akkuzi kollha kontrih dedotti.

Illi mill-atti processwali ma jirrisultax ebda fatt tal-ksur tal-provvediment tal-artikolu 5. Ir-reati l-ohra pero' jirrisultaw bl-ammissjoni stess tal-imputat.

Rat l-artikoli 261(b)(f)(e), 18, 17, 264, 267, 269, 270, 278, 279, 280, 31, 325(1)(c), 49 u 50 tal-Kap 9, l-artikolu 15 tal-Kap 65 u l-artikolu 4 tal-Kap 104, tikkundannah multa ta' Lm1500 u tpoggih taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Tobbliga lill-imputat li jhallas Lm75 lill-parti leza mhux oltre xahrejn mill-lum.

Illi ghal dik li hija l-multa inflitta takkorda lill-imputat li jhallas l-istess b'rati mensili ta' Lm50 kull l-ahhar ta' kull xahar l-ewwel pagament fl-ahhar ta' Mejju 2006, bid-dekadenza taz-zmien fin-nuqqas u konvertibbli f'disa' xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------